



Brussell, 19 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5386/17

ENV 31

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 17 ta' Jannar 2017

lil: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

Nru dok. Cion: D047857/02

Suġġett: Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS),

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D047857/02.

Mehmuż: D047857/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D047857/02
[...](2016) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS),

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

li jemenda I-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS),

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) L-għan tal-EMAS huwa li tippromwovi titjib kontinwu fil-prestazzjoni ambjentali tal-organizzazzjonijiet permezz tal-istabbiliment u l-implementazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' din is-sistema, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali, id-djalogu miftuħ mal-pubbliku u mal-partijiet interessati l-oħra u l-involviment attiv tal-impiegati. Biex jintlaħaq dan l-għan, I-Annessi I sa' IV tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jiddefinixxu r-rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu osservati mill-organizzazzjonijiet li jixtiequ jimplimentaw l-EMAS u jiksbu r-reġistrazzjoni tal-EMAS.
- (2) Il-Parti A tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tinkludi r-rekwiżiti stabiliti fl-Istandard EN ISO 14001:2004 li jikkostitwixxi l-bażi tar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 telenka għadd ta' kwistjonijiet addizzjonal li l-organizzazzjonijiet irregistrali fl-iskema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) huma meħtieġa li jindirizzaw u li għandhom rabta direttu ma' għadd ta' elementi tal-Istandard EN ISO 14001:2004.
- (4) Sadanittant, l-ISO ppubblikat verżjoni ġdida tal-Istandard Internazzjonali ISO 14001. Għalhekk, it-tieni edizzjoni tal-istandard (EN ISO 14001:2004) ġiet sostitwita bit-tielet edizzjoni (ISO 14001:2015).

¹

ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

- (5) Biex ikun żgurat approċċ konsistenti fl-Annessi kollha, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet il-ġodda rilevanti tal-Istandard Internazzjonali ISO 14001:2015 jiġu meqjusa wkoll fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar ir-Reviżjoni Ambjentali u fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-Verifika Ambjentali Interna.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) L-organizzazzjonijiet li jixtiequ jiksbu jew iżommu kemm ir-reġistrazzjoni tal-EMAS kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni ISO 14001 ħafna drabi jwettqu proċess wieħed ta' verifika/ċertifikazzjoni integrat. Biex tinżamm il-koerenza bejn ir-rekwiżiti taż-żewġ strumenti, l-organizzazzjonijiet ma għandhomx jiġu obbligati jimplimentaw l-Annessi riveduti tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 qabel l-implementazzjoni tal-verżjoni l-ġidda tal-Istandard Internazzjonali ISO 14001. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm arranġamenti tranżitorji.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jinbidlu bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 kif emendat b'dan ir-Regolament għandha tiġi vverifikata fil-mument li ssir il-verifika tal-organizzazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.

F'każ ta' tīgħid tar-reġistrazzjoni tal-EMAS, jekk il-verifika li jmiss tkun se titwettaq qabel l-14 ta' Marzu 2018, id-data tal-verifika li jmiss tista' tīgi estiżza b'sitt xhur bi ftehim mal-verifikatur ambjentali u mal-Korpi Kompetenti.

Madankollu, qabel l-14 ta' Settembru 2018, il-verifika tista', bi ftehim mal-verifikatur ambjentali, titwettaq skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013². Jekk din il-verifika ssir, il-validità tad-dikjarazzjoni tal-verifikatur ambjentali kif ukoll iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jibqgħu validi biss sal-14 ta' Settembru 2018.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jadatta ċerti regolamenti u deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-moviment liberu tal-persuni, id-dritt soċjetarju, il-politika tal-kompetizzjoni, l-agrikoltura, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, il-politika tat-trasport, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-istatistik, in-netwerks trans-Ewropej, id-drittijiet għudizzjarji u fundamentali, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-ambjent, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża u l-istituzzjonijiet, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni,

*Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni*